VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L.144 tal-2018.

ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI PUBBLIKA (KAP. 497)

Ordni tal-2018 li jistabbilixxi r-Reġistru tal-Kumpanniji bħala Aġenzija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 36 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-Prim Ministru għamel dan l-ordni li ġej: -

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2018 li jistabbilixxi r-Reġistru tal-Kumpanniji bħala Aġenzija.

Tifsir. Kap. 386.

2. (1) Kull referenza f'dan l-ordni għall-"Att", għandha tinftiehem bħala referenza għall-Att dwar il-Kumpanniji u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2), id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 2 tal-Att għandhom japplikaw ukoll għal dan l-ordni.

(2) F'dan Ordni, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra –

"Att dwar l-Amministrazzjoni" tfisser l-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika; Kap. 497.

"Aġenzija" tfisser l-Aġenzija għar-Reġistru tal-Kumpanniji stabbilita permezz ta' dan l-ordni;

"Ftehim tal-Aġenzija" tfisser il-ftehim kif provdut fl-artikolu 40(1) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni; Kap. 497.

"MFSA" tfisser l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għar-regolament tas-servizzi finanzjarji;

"Segretarju Permanenti" tfisser is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għall-Aġenzija, jekk ikun maħtur u fin-nuqqas tiegħu, il-Ministru.

Twaqqif tal-Aġenzija għar-Reġistru tal-Kumpanniji.

3. Għandu jkun hemm Aġenzija, li għandha tkun magħrufa bħala l-Agenzija għar-Reġistru tal-Kumpanniji, li għandu jkollha d-dmirijiet u l-funzjonijiet kollha tar-Reġistratur tal-Kumpanniji taħt l-Att u kwalunkwe liġi oħra applikabbli.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Ministru responsabbli għall-Aġenzija.

4. Il-Ministru responsabbli għall-Aġenzija għandu jkun il-Ministru responsabbli għar-regolament tas-servizzi finanzjarji skont l-Att.

Ftehim tal-Aġenzija.

5. L-operat tal-Aġenzija għandu jitwettaq skont il-Ftehim tal-Aġenzija li għandu jigi miftiehem bejn is-Segretarju Permanenti u l-Aġenzija.

Kontijiet, verifika u arranġamenti finanzjarji tal-Aġenzija. Kap. 174.

6. L-Aġenzija għandha tkun regolata mid-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Finanzjarja u l-Verifika sakemm il-Ftehim tal-Aġenzija bejn is-Segretarju Permanenti u l-Aġenzija ma jistabbilixxix xort'oħra, f'liema każ għandhom jipprevalu d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim tal-Aġenzija.

Ir-Reġistratur tal-Kumpanniji.

7. (1) L-Aġenzija għandha titmexxa mir-Reġistratur tal-Kumpanniji, li għandu jiġi maħtur mill-Ministru u li għandu jwettaq il-funzjonijiet u d-dmirijiet kollha tal-Uffiċjal Kap Eżekuttiv kif stipulat fl-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika.

(2) Ir-rappreżentanza legali u ġudizzjarja tal-Aġenzija għandha tkun vestita fir-Reġistratur tal-Kumpanniji.

Deputat Reġistratur.

8. Il-Ministru għandu jaħtar persuna sabiex tassisti lir-Reġistratur tal-Kumpanniji fit-twettiq tad-dmirijiet tiegħu li għandu jkollu l-kariga ta' Deputat Reġistratur.

Bord Konsultattiv.

9. (1) Il-Ministru responsabbli għall-Aġenzija jista' jistabbilixxi Bord Konsultattiv sabiex jagħti pariri lir-Reġistratur tal-Kumpanniji fil-qadi ta' dmirijietu.

(2) Il-Bord Konsultattiv stabbilit taħt dan l-artikolu għandu jkun ippresedut mir-Reġistratur tal-Kumpanniji u għandu jikkonsisti f'mhux anqas minn żewġ (2) u mhux aktar minn erba' (4) membri maħtura mill-Ministru responsabbli għall-Aġenzija.

(3) Ir-rimunerazzjoni mħallsa lill-membri tal-Bord Konsultattiv tal-Aġenzija għandha tkun skont id-direttivi u linjigwida maħruġa mis-Segretarju Permanenti fir-rigward.

Impjegati tal-Aġenzija.

10. (1) L-impjegati kollha u kull uffiċjal pubbliku ieħor li attwalment huma mqassma fi ħdan l-MFSA fit-twettiq ta' dmirijiet assoċjati mal-funzjonijiet tal-Aġenzija, jistgħu jitqiesu bħala impjegati tal-Aġenzija kif stabbilit b'dan l-ordni, taħt l-istess termini u kondizzjonijiet fis-seħħ fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-ordni:

Iżda l-impjegati u l-uffiċjali pubbliċi li attwalment huma mqassma fi ħdan l-MFSA, jistgħu wkoll iżommu l-pożizzjoni attwali tagħhom bħala impjegati tal-MFSA.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Iżda wkoll il-kuntratti tax-xogħol tal-impjegati u tal-uffiċjali pubbliċi li jixtiequ jżommu l-impjieg tagħhom mal-MFSA, għandhom jibqgħu fis-seħħ bejn l-impjegat rispettiv u l-MFSA jew l-uffiċjal rispettiv u l-MFSA, kif applikabbli, u dak l-impjegat jew uffiċjal pubbliku bl-ebda mod ma għandhom jitqiesu bħala impjegati tal-Aġenzija.

(2) Il-kuntratti ta' impjieg konklużi, minn naħa, bejn l-impjegati tal-Aġenzija fi ħdan l-MFSA u l-MFSA min-naħa l-oħra, għandhom jibqgħu fis-seħħ daqs li kieku ġew konklużi mill-Aġenzija kif stabbilit b'dan l-ordni u kwalunkwe ftehim kollettiv fis-seħħ qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-ordni li jaffettwa d-drittijiet u l-istatus tal-istess impjegati għandu jibqa' fis-seħħ daqs li kienu ġie konklużż mill-Aġenzija.

(3) L-Aġenzija għandu jkollha l-awtorità li timpjega l-impjegati tagħha stess.

Trasferiment tal-assi u responsabbiltajiet.

11. L-Aġenzija għandha, hekk kif dan l-ordni jidħol fis-seħħ, tassumi r-responsabbiltà għall-assi, ir-responsabbiltajiet u l-obbligi kollha, li preċedentement kienu miżmuma jew li kienet assumiet l-MFSA u li jirriżultaw u joħorġu mill-funzjonijiet tal-Aġenzija.

Jemenda r-Raba' Skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni. Kap. 497.

12. Fir-Raba' Skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni, minnufih wara "Aġenzija dwar il-Fond għall-Iżvilupp Nazzjonali u Soċjali", għandha tidħol is-segwenti:

"Aġenzija għar-Reġistru tal-Kumpanniji"	Tiffunzjona bħala reġistru pubbliku għal soċjetajiet kummerċjali u teżegwixxi dawk il-funzjonijiet u d-dmirijiet relatati mar-reġistrazzjoni ta' dawk is-sħubijiet kummerċjali.".